**5 ta' Marzu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Agius

**Hsara Volontarja - Provokazzjoni**

*Il-provokazzjoni (inġusta) li għaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arġinata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodiċi Kriminali. L-uniku kriterju li l-leġislatur għażel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu l-artikolu 235.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Anthony Agius talli fis-7 ta' settembru, 1995 għall-ħabta tal-5.15 p.m. fil-Furjana (1) għamel ħsara volontarja fuq *windscreen* ta' karozza tal-linja nru. Y-0605, proprjeta` ta' John Borg mir-Rabat, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira iżda mhux il-ħames mitt lira bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika bi ġlied u għajat bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Lulju, 1996 li biha l-imsemmi Anthony Agius ġie misjub ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' mitt lira (Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Anthony Agius, minnu ppreżentat fit-22 ta' Lulju, 1996 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li l-Ewwel Qorti ma aċċettatx is-sottomissjoni tiegħu li huwa aġixxa taħt provokazzjoni. L-inċident kollu jidher li kien dovut għall-fatt li

ċertu Azzopardi kien, ftit qabel, saq ix-xarabank tiegħu b'mod li l-appellant deherlu li kien rassu;

Wara li Azzopardi pparkeġġa l-vettura tiegħu u l-appellant kien qed jirriversja fil-venda, Azzopardi għadda minn warajh bil-mixi u ta daqtejn fuq il-pjanċa fuq wara (mingħajr ma għamel ebda ħsara). Skond dan Azzopardi dan għamlu biex jindika li kien wara l-vettura li kienet kif ingħad qed timxi b'lura. Hawnhekk l-appellant niżel mill-vettura tiegħu, staqsa jekk il-vettura bin-numru 0605 kinitx tiegħu u kif Azzopardi wieġeb fl-affermattiv, l-appellant tefa' flixkun fuq il-*windscreen* ta' din ix-xarabank u kisser l-istess *windscreen*. Il-ħsara hekk ikkaġunata tammonta għal mitejn u tmenin lira. Azzopardi jirriżulta li kien biss ix-xufier ta' din il-karozza; il-proprjetarju kien John Borg;

Il-piena għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 325 (b) tal-Kodiċi Kriminali hi ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena. L-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li "meta d-delitt ikun skużabbli minħabba provokazzjoni inġusta" l-piena ta' priġunerija tkun għal żmien mhux iżjed minn żewġ terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jgħid: "Meta tiġi biex titqies l-iskuża, għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235", li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (inġusta) li għaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arġinata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodiċi Kriminali; l-uniku kriterju li l-leġislatur għażel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak ġa` msemmi, ċjoe` ta' l-artikolu 235. Il-ġurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma' l-attenwanti ġenerali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inċiż ta' l-artikolu 62 tal-Kodiċi Penali Taljan jgħid hekk:

*"La situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale - Parte Generale**, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 394-395);

Mill-provi akwiżiti ma jistax jingħad li dak li għamel Azzopardi (li saq b'mod xi ftit imprudenti ftit minuti qabel u li ta daqtejn b'idejh fuq il-pjanċa ta' l-appellant biex jindikalu li kien wara l-vettura tiegħu x'ħin din kienet qed tirriversja, li huwa del resto mod normali kif wieħed jiġbed l-attenzjoni ta' sewwieq ta' vettura kbira li tkun qed tirriversja) jikkwalifika oġġettivament bħala provokazzjoni inġusta fis-sens spjegat. Veru li l-appellant, fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, jgħid li hu deherlu li dak li għamel Azzopardi għamlu bi qżież. Pero' altru dak li deherlu l-appellant u altru dak li oġġettivament huwa riskontrabbli. Il-provokazzjoni inġusta kkontemplata fl-artikolu 325 trid tkun oġġettivament riskontrabbli. L-Ewwel Qorti ma rriskontrat ebda tali provokazzjoni u din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba dik il-konklużjoni;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.